MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 517/2007

**Charles Gatt (detentur tal-karta tal-identita` numru 247235M)
f`ismu proprju u f`isem id-ditta Gatt & Associates u b`digriet ta`
dan it-Tribunal ta` nhar it-13 ta` Frar 2009 l-atti gew trasfuzi
f`isem Adelaide Odette Gatt (KI 451438M) u dan stante
l-mewt ta` l-attur Charles Gatt fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Building & Design Consultants Limited**

***SENTENZA IN PARTE DWAR
L-ECCEZZJONI TA' PRESKRIZZJONI
AI TERMINI TAL-ARTIKLU 2149 TAL-KAP 16***

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Gunju, 2007 fejn gie mitlub illi s-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta` elfejn sitt mija u hmistax Euro u hdax-il centezmu (€2615.11) bilanc fuq somma akbar rapprezentanti hlas ta` servizzi ta` kejl rezi lill-intimat fuq inkarigu taghhom rigwardanti xogholijiet ta` kostruzzjoni ta` showrooms u ufficini fi Guardamangia.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-socjeta` intimata li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tas-17 ta' Settembru 2007, fejn gie eccepit illi preliminarjament it-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez stante illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta` l-Artikolu 2149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati sia fid-dritt kif ukoll fil-fatt stante illi l-atturi ma ghamlux ix-xoghol kollu li kienu mqabbdin jaghmlu.

Illi ghaldaqstant l-atturi ma ffinalizzawx ix-xoghol illi kellhom jaghmlu.

Illi minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub qed jigi kontestat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidra :

Illi kif spjega l-**Perit Lawrence Mintoff** in rappresentanza tas-socjeta` konvenuta, (seduta 08.04.2008), hu kien ircieva kont fis-sena 2004 u konsegwentament kien ikkontestah. Wara dan huwa ma kien ircieva xejn aktar avolja kien ghamel xi interventi sabiex jiltaqghu u jiddiskutu l-kont li kien intbghat fl-2004. Sussegwentament, il-Perit Mintoff ircieva ittra dwar dan il-kont minghand l-atturi, fejn hu fir-risposta tieghu ghal din l-ittra sostna il-pozizzjoni tieghu.

In kontro-ezami (fol 19) il-Perit jikkonferma illi huwa kien ghamel tentattivi sabiex jiddiskuti n-nuqqas ta` qbil fuq l-ammont tal-kont illi kien mitlub jhallas. Huwa spjega "*illi dan kien wiehed minn numru ta` kontijiet illii kien hemm dubju mill-ammont finali*", dan minhabba li normalment meta x-xoghol ikun tlesta, jsir il-kejl finali fejn minn hemm jkun jista` jigi dedott l-ammont globali u jaraw xi jkun pendenti. B'hekk, isostni li "*sa l-ahhar kont l-ammont precis jew jekk fadalx pendenza jibqghu question mark*".

Il-Perit Mintoff ikkonferma li huwa kien baghat ittra lill-attur wara li ircieva l-ittra ufficjali, fejn huwa wera li kien dispost ihallas l-ammont dovut anke jekk kien ghadda iz-zmien. Ix-xhud ikkonferma li kien baghat hames cekkijiet konnessi ma` l-istess progett, bejn l-1999 u l-2002, lis-Sur Gatt li ma kinux parti mill-kont finali izda kontijiet li kienu hargu precedentement.

Huwa zied jghid ukoll li kien baghat nota lis-Sur Gatt, liema nota qatt ma kienet giet iffirmata, il-Perit ma bghatx ic-cekk.

**Fabrizio Gatt**, *Quality Surveyor* ma` Gatt & Associates kif ukoll iben Charles Gatt, sostna li dan ta` l-ahhar kien ghamel kejl kif imqabbad mis-socjeta` konventa filwaqt li hu kien jiehu hsieb ifassal il-kontijiet. B'hekk seta` jikkonferma li b'kollox kienu nhargu disa` kontijiet li jkopru l-progett minn mindu beda, fl-2001, sat-terminazzjoni tieghu fl-2004.

Bhala fazi inizzjali, jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet imqabbda taghmel *costings pre-contract*, fejn kienet issir

evalwazzjoni tal-progett u b`hekk tohrog stima ta` kemm ha jkun dovut mill-klijent, ta` liema stima, Fabrizio Gatt, jsostni li kien thallas.

Gatt spjega li wara li din l-evalwazzjoni ssehh, isir il-kejl tal-bini u jaraw kif qed jizviluppa il-progett in kwestjoni, filwaqt li jinhargu kontijiet sabiex jithallsu l-kuntratturi kif ukoll il-kumpanija attrici. L-ahhar kont li nhareg kien fl-2004, fejn ix-xhud kien personalment cempel lis-socjeta` konvenuta u tkellem mal-Perit Mintoff sabiex jaffetwaw il-hlas.

Fid-drabi li x-xhud irnexxielu jikkomunika mal-Perit permezz tat-*telephone*, huwa qatt ma cahad li kellu jhallas dak l-ammont dovut lis-socjeta` attrici - tant hu minnu li kien hemm okkazjonijiet fejn l-istess Perit baghat *envelope* vojt jew inkella baghat *cheque* b`ammont hazin. Wara li gara dan, Gatt baghat ittra lill-Perit fejn spjegalu ghala l-ammont li tnizzel fuq ic-*cheque* ma kienx korret.

In kontro-ezami (fol. 44) Fabrizio Gatt ikkonferma li c-*cheque* li ma kienx accettat, kien mibghut fit-30 ta` April 2007, liema *cheque* rega` intbghat lura.

**Odette Gatt**, mart Charles Gatt, xehdet li hija kienet giet inkarigata sabiex tigbor il-kontijiet minhabba l-fatt li r-ragel taghha kien ma jiflahx. Meta kienet tikkomunika mal-Perit Mintoff rigward il-kont pendenti, huwa qatt ma kien ikkontesta l-ammont, pero` baqa` ma hallasx peress li kien qed jistenna li jithallas minn banda ohra.

Waqt laqgha li sehhet bejn il-partijiet ghand l-Avukat Mario De Marco, il-Perit kien wieghed li se jibghat l-ammont dovut fl-ahhar stima (*quotation* 7) - liema hlas ma baqa` ma sarx.

Ikkunsidra :

Illi din hija sentenza sabiex tigi deciza l-eccezzjoni moghtija mis-socjeta` konvenuta fl-ewwel parti tar-risposta taghha, ossia, l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2149 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-Artiklu 2149 tal-Kap 16 jistipula perjodu preskrittiv ta' sentejn.

Mill-atti jirrizulta illi skond ittra/FAX ta' Fabrizio Gatt tas-7 ta' Awissu 2006, il-kont pendenti fl-ammont riklamat b'dan l-Avviz kien ilu pendenti sa mis-26 ta' April 2004.

Minn kopja legali ta' ittra giudizzjarja tat-13 ta' Ottubru 2006, (fol 39) jirrizulta illi din giet debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta fit-18 ta' Ottubru 2006.

Sa hawnhekk, jirrizulta t-trapass ta' sentejn u dunque li l-azzjoni tista` titqies preskritta. Izda jirrizulta ukoll illi qabel il-presentata ta' dan l-odjern Avviz, is-socjeta` konvenuta permezz tal-Perit Lawrence Mintoff, b'ittra tat-30 ta' April 2007 (DOK LM 2) (fol 14), kien kiteb lill-attur u mieghu iddikjara illi "*I would be more than willing to pay your fees even despite the extremely long period which has elapsed since all the relevant documentation was in our possession*".

It-Tribunal certament li ma jistghax jiskrata dikjarazzjoni bhal din maghmula mis-socjeta` intimata. Bejn din id-dikjarazzjoni u l-presentata ta' dawn l-odjermi proceduri imbaghad ghaddew biss ftit xhur. It-Tribunal ihoss illi dikjarazzjoni bhal dik maghmula addirittura bil-miktub, u kkonfermat mill-istess Perit Lawrence Mintoff fix-xhiedha tieghu quddiem dan it-Tribunal (fol 20) – zgur illi tmur biex timmilita` proprju kontra l-eccezzjoni moghtija mill-istess socjeta` konvenuta hawn dibattuta u deciza.

Hekk kif it-Tribunal ma jistghax jiskarta DOK LM 3 (fol 16) li hija nota mibghuta mis-socjeta` konvenuta lill-attur sabiex isir hlas mis-socjeta` konvenuta lill-attur f'somma *bhala bilanc ta' hlas ta' servizzi ta' kejl ……*, liema nota u proporta ta' hlas sar f'mejju 2007.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal sejjer jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jhalli l-kawza ghall-provi tal-partijiet fuq l-ammont, in kwantu illi jidher kkontestat l-ammont li qed jigi mitlub.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha prodotti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta msejjsa fuq il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u jhalli l-kawza ghal nhar il- ghall-provi tal-atturi fil-mertu.

L-ispejjes ta' din is-sentenza qed jigu rizervati ghal mas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------